MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 608/2018 LM

**Carmela Attard (K.I. numru 594339(M)), Mario Attard (K.I numru 43778(M)), Rosemarie Vella (K.I. numru 75079(M)) fil-kwalità tagħhom bħala eredi ta' Salvatore Attard (K.I. numru 48037(M))**

***vs.***

**Joseph Piscopo (K.I. numru 347081(M));**
**Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-12 ta' Ġunju, 2018 mill-atturi **Carmela Attard** (K.I. numru 594339(M)), **Mario Attard** (K.I. numru 43778(M)) **u Rosemarie Vella** (K.I. numru 75079(M)) fil-kwalità tagħhom ta' eredi ta' Salvatore Attard, [minn issa 'l quddiem "l-atturi"], kontra l-konvenut **Joseph Piscopo** (K.I. numru 347081(M)), [minn issa 'l quddiem "il-konvenut"], u s-

soċjetà konvenuta **Mapfre Middlesea p.l.c.** (C5553) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"] li jgħid kif ġej:

"*1. Illi l-esponenti huma l-eredi ta' Salvatore Attard li miet nhar it-23 ta' Awwissu 2016 wara li kien ġie mtajjar minn karozza nhar il-21 ta' Awwissu, 2016.*

*2. Illi in effetti nhar il-21 ta' Awwissu 2016 ġewwa Triq ix-Xatt, Pietà l-intimat Joseph Piscopo tajjar lil Salvatore Attard bil-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni EBS 102 u dana minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-istess intimat Joseph Piscopo.*

*3. Illi l-vettura konċernata kienet assikurata mas-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c.*

*4. Illi konsegwenza ta' dan l-esponenti sofrew danni.*

*5. Illi l-intimati ġew interpellati mir-rikorrenti permezz ta' ittra legali datata t-30 ta' April 2018 u permezz ta' ittra uffiċjali datata t-8 ta' Mejju 2018 sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni lilhom kaġunati b'konsegwenza ta' dan l-inċident.*

*6. Illi l-intimati però baqgħu inadempjenti sal-ġurnata tal-lum u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*7. Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.*"

B'hekk l-atturi ħarrku lill-konvenuti sabiex igħidu għaliex din il-Qorti m'għandiex:

"*1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrenti f'dik is-somma li għandha tiġi minn din l-Onorabbli Qorti likwidata, rappreżentanti danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-inċident li seħħ nhar il-21 ta' Awwissu 2016 meta l-intimat Joseph Piscopo tajjar lil Salvatore Attard li konsegwentament tilef ħajtu, inklużi d-danni morali sanċiti fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolament da parti tal-istess Joseph Piscopo;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti inkluż id-danni morali sanċiti fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malt, b'konsegwenza tal-inċident imsemmi, jekk ikun meħtieġ bil-għajnuna ta' esperti; u*

3. *Tikkundanna lill-intimati jħalsu d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra legali datata t-30 ta' April 2018 u tal-ittra uffiċjali datata t-8 ta' Mejju 2018 kontra l-intimati minn issa nġunti għas-subizzjoni u l-imgħax skont il-liġi."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti ppreżentata fil-11 ta' Lulju, 2018, fejn eċċepew:

"1. *Illi l-intimati jiċħdu r-responsabbiltà għall-inċident li seħħ fil-21 ta' Awwissu 2016, fil-Pietà, peress illi l-istess inċident seħħ unikament minħabba t-traskuraġni u imperizja da parti ta' Salvatore Attard;*

2. *Illi għaldaqstant l-intimati m'għandhomx jiġi ddikjarati debituri fl-ebda ammont verzu l-atturi u l-ebda ammont m'għandu jiġi llikwidat favur l-atturi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi jridu jipprovaw d-danni realment subiti minnhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma min issa inġunti in subizzjoni."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Frar, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-vertenza odjerna tirrigwarda inċident tat-traffiku li seħħ għall-ħabta tas-6.00 ta' filgħaxija fil-21 ta' Awwissu, 2016, f'Triq ix-Xatt, Il-Pietà, fejn il-*pelican lights* quddiem il-*Marina Home.* F'dan l-inċident weġġa' serjament Salvatore Attard wara li ttajjar mill-konvenut, li kien qed isuq il-karozza tiegħu numru ta' reġistrazzjoni EBS 102 tal-għamla BMW[1] fid-direzzjoni mill-Furjana għal Ta' Xbiex. Salvatore Attard ittieħed l-Isptar Mater Dei, fejn miet jumejn wara.

L-atturi li huma l-eredi tal-vittma, qegħdin jikkontendu li għal dan l-inċident jaħti l-konvenut waħdu u għalhekk huma qegħdin jippretendu li għandu jinżamm responsabbli għad-danni sofferti minnhom bħala riżultat tal-mewt tal-vittma. Huma qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex tillikwida kemm id-danni materjali, kif ukoll dawk morali, u dan skont l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati, inklużi l-ispejjeż tal-proċedura u dawk tal-ittra legali tat-30 ta' April, 2018, u tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju, 2018, u bl-imgħax skont il-liġi.

Il-konvenuti jilqgħu billi jeċċepixxu li kien proprju l-vittma waħdu li kien responsabbli għall-inċident u għalhekk ma kienx hemm lok li jiġi dikjarat li huma debituri tal-atturi u li jiġu likwidati l-pretiżi danni. Jikkontendu, u dan

[1] Ara Dok. LB1 *Full Road Traffic Accident Report* a *fol.* 63 tal-proċess.

mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra tagħhom, li l-atturi għandhom jippruvaw id-danni reali li allegatament huma sofrew.

**Provi u riżultanzi**

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2018, xehed il-**P.L. Mario Buttigieg**[2], prodott mill-atturi. Ix-xhud spjega li fil-21 ta' Awwissu, 2016, huwa kien ġie inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident. Esebixxa r-rapport tiegħu li ġie mmarkat Dok. MB1.[3] In kontroeżami kkonferma li ftit metri aktar 'il quddiem minn fejn seħħ l-inċident, kien hemm tabella li tindika l-veloċità massima ta' 40 kilometri fis-siegħa. Ikkonferma wkoll li l-vittma kien qasam ftit metri 'l bogħod mill-*pedestrian crossing* bit-*traffic lights* minn bejn il-*bollards* u l-*crash barrier,* meta d-dawl tal-*pelican lights* kienu ħomor għal min ried jaqsam. Spjega li fix-xhieda tiegħu l-konvenut kien qal li huwa kien ra l-vittma taqsam u baqa' jsuq bl-istess veloċità.

Waqt l-istess udjenza, xehdet **l-Ispettur Lara Butters**[4], prodotta mill-atturi. Spjegat li fil-21 ta' Awwissu, 2016, għall-ħabta tas-6.00 ta' filgħaxija hija kienet ġiet infurmata minn PS 309 Brian Xuereb li seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud marret fuq il-post fejn l-vittima kien diġà ittieħed l-Isptar Mater Dei permezz tal-ambulanza. Sussegwentement ġiet infurmata mill-isptar li l-vittma kien fil-perikolu tal-mewt u b'hekk infurmat lill-Maġistrat Inkwirenti Dr Joseph Mifsud u b'hekk infetħet Inkjesta Maġisterjali. Ix-xhud spjegat li fuq il-post kien hemm

[2] *A fol.* 32 tal-proċess *et seq.*
[3] *A fol.* 38.
[4] *A fol.* 59 tal-proċess *et seq.*

il-vettura tal-konvenut li kienet wieqfa ftit 'il fuq mill-*pelican lights*. Din kellha diversi daqqiet u saħansitra l-*windscreen* kien mifqugħ. Jumejn wara x-xhud ġiet mgħarrfa li l-vittma kien miet. Ix-xhud ippreżentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat Dok. LB1.[5]

Waqt l-udjenza tas-17 ta' Diċembru, 2018, xehed l-espert **it-Tabib Mario Scerri**[6], prodott mill-atturi. Filwaqt li qal li dakinhar tal-inċident huwa kien eżamina lill-vittma, ix-xhud esebixxa r-rapport tiegħu lill-Maġistrat Inkwirenti li ġie mmarkat Dok. MS1.[7]

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Jananr, 2019, xehdet **in-Nutar Charmaine Bonnici**[8], prodotta mill-atturi. Ikkonfermat li l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* kien sar quddiemha u ppreżentat kopja tiegħu, flimkien mad-dokumenti relattivi, li flimkien ġew immarkati Dok. CB1.[9]

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar, 2019, xehed **PS 122 Arthur Borg**[10], prodott mill-atturi, li esebixxa kopja tar-rapport tiegħu fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li ġiet ordnata mill-Maġistrat Inkwirenti u li ġie mmarkat Dok. AB1.[11]

Waqt l-istess udjenza xehdet **WPC 363 Caroline Meilak**[12], prodotta mill-atturi. Ix-xhud ippreżentat kopja tar-rapport tagħha ppreżentat fl-istess atti tal-Inkjesta Maġisterjali, liema rapport ġie mmarkat Dok. CM1.[13]

---

[5] A *fol.* 63.
[6] *A fol.* 74 tal-proċess.
[7] A fol. 75 *et seq.* tal-proċess.
[8] *A fol.* 95 *et seq*. tal-proċess.
[9] A *fol.* 97 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 117 tal-proċess.
[11] A *fol.* 118 *et seq.* tal-proċess.
[12] *A fol.* 121 tal-proċess.
[13] A *fol.* 122 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-8 ta’ Marzu, 2019, xehed **il-Perit Richard Aquilina**[14], prodott mill-atturi. Ix-xhud spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien ġie inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jagħmel pjanta tal-post tal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud esebixxa kopja tar-relazzjoni tiegħu, flimkien mal-pjanta msemmija, li ġew immarkati Dok. RA1.[15]

Waqt l-istess udjenza, xehed il-**P.L. Sean Meli**[16], mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali prodott mill-atturi. Ix-xhud esebixxa dokument li juri l-pensjoni li rċieva l-vittma mis-sena 1998 sat-23 ta’ Awwissu, 2016, liema dokument ġie mmarkat Dok. SM1.[17]

L-attur **Mario Attard**, it-tifel tal-vittma, xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[18] Spjega li huwa kien ibati minn *bipolar disorder* li saret dijanjożi tagħha fis-sena 2006, u għalhekk kien taħt il-kura tat-tobba u tal-psikjatri. Meta mbagħad missieru safa vittma tal-inċident inkwistjoni, huwa tkisser u mar ħafna lura. Sussegwentement huwa ma felaħx imur xogħol aktar u f’Settembru tas-sena 2017, kienu għajtulu għal quddiem Bord fejn ġie dikjarat *boarded out.* Maż-żmien żdiedet ukoll il-kura, u b’hekk ġie għall-aħjar u reġa’ lura xogħol. L-attur esebixxa diversi dokumenti sabiex juri li huwa kien għamel żmien jirċievi pensjoni tal-invalidità, kif wkoll *payslip* sabiex jindika kemm kienet il-paga tiegħu dak iż-żmien tal-inċident.[19]

---

[14] *A fol.* 145 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 147 tal-proċess.
[16] *A fol.* 152 *et seq.* tal-proċess.
[17] A *fol.* 155 *et seq.* tal-proċess.
[18] A *fol.* 175 *et seq.* tal-proċess.
[19] Dok. MA1 sa Dok. MA5 a *fol.* 177 sa 191.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2019, xehed minn jeddu l-konvenut **Joseph Piscopo**[20], li kkonferma li dakinhar tal-inċident huwa kien qed isuq il-vettura numru ta' reġistrazzjoni EBS 102. Irrileva li huwa kien jgħaddi ta' kuljum minn dik it-triq għaliex huwa kien jaħdem fil-lokal magħruf bħala '*Mamma Mia'* f'Ta' Xbiex, u fil-ħin tal-inċident huwa kien sejjer lura x-xogħol mill-Furjana wara l-*break* tiegħu. Miegħu fil-vettura kien hemm Leon Caruana. Il-konvenut spjega li huwa kien qed isuq fil-karreġġjata ta' barra b'veloċità ta' madwar 40 kilometru fis-siegħa. Fuq il-karreġġjata ta' ġewwa l-karozzi ma kienux qed jimxu, filwaqt li fil-karreġġjata tiegħu kienu mexjin. Kif wasal ħdejn il-*pelican lights,* id-dawl tagħhom kien aħdar għax-xufier. Huwa qabiżhom u f'daqqa waħda sema' "bum bum". Il-konvenut waqaf f'daqqa u hekk kif ħareġ mill-karozza tiegħu ra li huwa kien laqat persuna bin-naħa ta' quddiem tax-xellug tal-istess karozza. Lill-vittma rah fl-art u qal li din kienet proprju l-ewwel darba li kien qed jarah. Il-konvenut żied jgħid li l-*windscreen* kien miksur u kellu t-titjir tad-demm miegħu. Muri ritratt li ġie mmarkat Dok. JP2[21], il-konvenut indika bl-ittra 'X' ġewwa ċirku minn fejn kienet ħarġet il-vittma.

Waqt l-istess udjenza xehed **Leon Caruana**[22], prodott mill-konvenuti. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar tal-inċident huwa kien riekeb ma' sieħbu l-konvenut. Il-karozza kienet miexja fil-karreġġjata ta' barra u fil-karreġġjata ta' ġewwa kien hemm il-karozzi maqbudin fit-traffiku, għalkemm it-*traffic lights* kienu ħodor. Lill-vittma ma kienx rah qabel ma ħareġ mill-karozza u rah fl-art quddiem il-karozza madwar tlett metri 'l hinn minnha. Huwa kien sema' *'bum bum bum"*,

[20] *A fol.* 207 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 216 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 220 *et seq.* tal-proċess.

ra li l-*windscreen* kellu daqqa u l-karozza waqqfet. Stqarr li l-karozza ma kienetx għaddejja b'ħafna saħħa. Ix-xhud immarka bl-ittra 'Y' f'ċirku fuq Dok. JP3[23] fejn kien seħħ l-inċident.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2019, xehdet **il-P.L. Eunice Grech Fiorini**[24], Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali, prodotta mill-konvenuti. Ix-xhud esebiet kopja tax-xhieda li ngħatat minn **Stephen Cook** fil-kawża **Il-Pulizija *vs.* Joseph Piscopo** u li ġiet immarkata Dok. EGF1.[25]

Waqt l-istess udjenza xehed **l-Avukat Christopher Spiteri**[26] in rappreżentanza tal-Awtorità Transport Malta, prodott mill-konvenuti. Spjega li l-uniku sinjal tal-veloċità massima ta' 50 kilometru fis-siegħa kienet ferm aktar 'il fuq lejn il-Belt fejn *Satariano.*

Waqt dik l-udjenza ukoll xehed **Maurice Azzopardi**[27], prodott mill-konvenuti li kkonferma li huwa kien ħejja s-*survey report* fuq il-vettura tal-konvenut u esebixxa kopja tiegħu.[28]

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2020, xehed in kontroeżami l-konvenut.[29] Ikkonferma li fil-ħin tal-inċident huwa kien qed isuq bl-40 kilometru fis-siegħa. Il-konvenut spjega kif huwa kien ra l-vittima jaqsam l-ewwel blokka tal-konkos taħt is-siġar u mbagħad ma rahx aktar minħabba t-traffiku, sakemm ħariġlu minn bejn il-karozzi.

[23] *A fol.* 217 *et seq.* tal-proċess.
[24] *A fol.* 228 *et seq.* tal-proċess.
[25] *A fol.* 230 *et seq.* tal-proċess.
[26] *A fol.* 242 *et seq.* tal-proċess.
[27] *A fol.* 244 *et seq.* tal-proċess.
[28] Dok. MA1 a *fol.* 247 *et seq.* tal-proċess.
[29] *A fol.* 274 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza xehed in kontroeżami Leon Caruana.[30] Spjega li meta fix-xhieda tiegħu huwa kien qal minn fejn ħareġ il-vittma, dan għaliex huwa kien qed jassumi u mhux għaliex kien rah. Huwa kien sema' l-ħoss qabel ma rah u dak il-ħin huwa kien qed jaqra l-messaġġi fuq il-mobile. Spjega li fid-deposizzjoni tiegħu huwa kien qal li t-*traffic lights* kienu ħodor mhux għax rahom, iżda għaliex il-karozzi kienu baqgħu għaddejjin.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti sejra qabelxejn tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża. L-atturi qegħdin jippretendu li huwa l-konvenut li jaħti għall-inċident li seħħ fil-21 ta' Awwissu, 2016, fejn miet Salvatore Attard, u dan bħala konsegwenza ta' imperizja, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-imsemmi konvenut. Dan tal-aħħar jilqa' billi jikkontendi li l-inċident seħħ bħala riżultat tat-traskuraġni u tal-imperizja tal-vittma.

Fil-każ odjern jirriżulta li l-inċident ġara għall-ħabta tas-6.00 ta' filghaxija fil-21 ta' Awwissu, 2016, hekk kif il-konvenut kien qed isuq il-karozza tiegħu fi Triq ix-Xatt, il-Pietà, fil-viċinanzi tat-*traffic lights* faċċata tal-*Marina Home*[31], sabiex imur il-*'Mamma Mia'* ġewwa Ta' Xbiex, fejn kien jaħdem.

[30] *A fol.* 279 *et seq.* tal-proċess.
[31] Ara *Full Road Traffic Accident Report* a *fol.* 63 tal-proċess.

Fil-vettura mal-konvenut kien riekeb sieħbu Leon Caruana, li kien ukoll jaħdem miegħu, iżda din il-Qorti tqis li x-xhieda tiegħu ftit li xejn tista' titfa' dawl fuq l-akkadut. Kif iddikjara waqt id-depożizzjoni tiegħu Caruana, fil-ħin tal-inċident huwa kien qed jaqra jew jibgħat il-messaġġi minn fuq il-*mobile* tiegħu[32], u għalhekk din il-Qorti tikkunsidra li huwa ċertament ma setax ra x'ġara u huwa minnu dak li stqarr:

> *"Jiena ma rajtu ġej minn imkien. Smajt bum bum bum. Ħarist 'il fuq. Rajt daqqa ġol-* windscreen *u il-karozza waqfet totalment għax aħna ma konniex għaddejjin ħafna bis-saħħa. Ħriġt mill-karozza u rajt raġel mal-art."*[33]

Mill-*Full Road Traffic Accident Report*[34] redatt mill-Pulizija, jirriżulta li l-uniku xhud okkulari tal-inċident kien ċertu **Stephen Raymond Cooke** li rrilaxxja din l-istqarrija lill-Pulizija dwar dak li ra:

> *"I saw the man crossing the road when the pelican lights were red for pedestrians to cross. Then the car hit him and he fell after he got on the bonnet and hit the front windscreen."*

Il-Qorti tqis li fil-każ odjern il-provi dwar l-akkadut huma ftit, għaliex saħansitra dawk miġbura waqt l-Inkjesta Maġisterjali ma jitfgħux wisq dawl fuq id-dinamika tal-inċident u għalhekk f'dan il-kuntest tqis li x-xhieda ta' Stephen Raymond Cooke għandha rilevanza qawwija. Għal xi raġuni jidher li dan ix-xhud ma nstabx meta mħarrek diversi drabi mis-soċjetà konvenuta sabiex jixhed, u b'hekk għażlet li minflok tressaq lir-Reġistratur tal-Qrati

[32] Seduta tat-8 ta' Jannar, 2020, *a fol.* 279 *et seq.* tal-proċess.
[33] Seduta tal-20 ta' Settembru, 2019, a *fol.* 222 tal-proċess.
[34] *Supra a fol.* 67.

Kriminali u Tribunali sabiex tesebixxi kopja vera tax-xhieda tiegħu kif mogħtija fil-kawża **Il-Pulizija *vs.* Joseph Piscopo**.[35]

Minn dawn id-dokumenti esebiti jirriżulta li l-ewwel depożizzjoni ta' din ix-xhud ingħatat ftit jiem wara l-inċident fis-27 ta' Awwissu, 2016, fl-Għassa tal-Pulizija tal-Imsida quddiem espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti.[36] Hawnhekk ix-xhud **Stephen Raymond Cook** qal:

> *"On the 23st August 2016, at around 17:00 hour my family and myself were walking downhill from Ħamrun to Msida. As we came to the bottom of the bill I saw an old gentleman walking on the road and not on the pedestrian side. He was walking about 4 to 5 feet away from the pedestrian crossing. He was walking in a diagonal manner. From where i was I did not see him as he was already on the road. I saw the victim when he was on the south reservation and had just passed the pedestrian crossing. He was walking at a slow pace but he saw the car coming. The victim tried to make a faster movement and when the car came nearer to him he even protruded his hand. Consequently he was hit by the corner of the car. With regards to the sun at that time it was setting and as there is a blind spot from where the driver was coming, there is no chance from there for the driver to see the pedestrian crossing. With regards to the pedestrian lights they were green for the driver and red for the pedestrian."*

Din il-verżjoni tax-xhud dwar dak li huwa ra fil-ħin tal-inċident, ftit li xejn tbiddlet meta hu tela' jixhed fil-proċeduri tal-kumpilazzjoni numru 282/2017 quddiem il-Maġistrat Doreen Clarke fl-ismijiet fuq imsemmija. Fis-seduta tal-4 ta' Diċembru, 2017, **Stephen Raymond Cook** iddikjara kif ġej:

> *"...I was walking down the hill so the incident happened in front of me. I was walking with the children and I noticed a man crossing from the bus stop side and pelican crossing was this side and I said to the wife, I saw it is very dangerous. The cars*

[35] Dok. EGF1 a *fol.* 230 *et seq.*
[36] *A fol.* 230 *et seq.* tal-proċess.

*come around quite fast, it's a busy road, it's a main road. And I noticed there was a ... man so the cars weren't stopping. And no sooner I have said that the car came round the corner. He tried to stop her. It was too late. Even the man, he tried to get away from the car, the older gentleman but he was ... and unfortunately it clipped the side of his leg and it flipped him into the air ... There is a couple of barriers just here by the bus stop and he squeezed through the barriers and moved in to the road. He was trying to get to the railing side of the pavement ... But he saw the car cross, he must saw this car coming and he tried to veer diagonal, tried to get to the road, I remember even putting his hand out ... The driver was coming from my right as I was walking down ... he was coming from Valletta ... he was on the right hand side ...I heard a big braking sound".*[37]

Imbagħad in kontroeżami waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018, qal hekk:

*"no, he was not crossing at the actual crossing itself, there are these little bollards and they have advertisements on them and I saw him being squeezed between the bollards and was at an angle, of a diagonal ... where he should have been crossing ... The car came and he sort of put his hand out and that was it, he was tossed ... I have noticed that on the top you have a traffic light so you could see the traffic light and if they stopped you know for the people to cross and I obviously it wasn't stopped, it was still for the cars to go".*[38]

Qabelxejn għandu hawn jingħad li din ix-xhieda ma tistax tiġi skartata għar-raġuni li ma ngħatatx fil-proċeduri odjerni, u dan mhux biss minħabba r-rilevanza qawwija tagħha fil-każ odjern, iżda wkoll fid-dawl tal-fatt li d-depożizzjoni wara kollox ingħatat quddiem qorti oħra, f'dan il-każ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, li l-atti tagħha juru li saħansitra anki l-atturi kienu preżenti bħala *parte civile* u kienu wkoll debitament rappreżentati mill-avukat difensur tagħhom. Għalhekk il-Qorti ma tkunx qiegħda tagħmel ġustizzja mal-konvenuti jekk tagħżel li tiskarta din ix-

[37] *A fol.* 237-240 tal-proċess.
[38] *A fol.* 233-234 tal-proċess.

xhieda u b'hekk ser tgħaddi sabiex tagħmel diversi konsiderazzjonijiet fid-dawl tad-depożizzjoni magħmula.

Tirrileva li tali xhieda tikkorrabora l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-konvenut. Waqt li kien qed jixhed fis-seduta tal-20 ta' Settembru, 2019, huwa spjega li fil-ħin tal-inċident huwa kien għadu ġej mill-Furjana fid-direzzjoni lejn Ta' Xbiex stante li kien sejjer lejn il-lokal magħruf bħala *'Mammia Mia'* fejn kien jaħdem. Flimkien miegħu fil-karozza kellu lill-kollega tiegħu Leon Caruana. Il-konvenut kien qed isuq fuq il-karreġġjata ta' barra b'madwar 40 kilometru fis-siegħa filwaqt li fil-karreġġjata ta' ġewwa kien hemm serbut ta' karozzi f'traffiku li ddeskriva bħala *"iġġamjat"*. Qal li d-dawl tal-*pelican lights* kien aħdar għall-karozzi u għalhekk baqa' għaddej u qabiżhom. Kien f'daqqa waħda li sema' "bum" mal-kantuniera tax-xellug tal-karozza u "bum" oħra f'nofs il-karozza quddiem u waqqafha ħesrem. Il-konvenut qal li hekk kif ħareġ mill-karozza, huwa ra persuna fl-art.

Mill-provi jirriżulta b'mod ċar u inekwivoku mix-xhieda ta' Stephen Raymond Cooke u dik tal-konvenut, li l-vittma kien għamel azzjoni mhux biss perikoluża, iżda wkoll kontra dak li jipprovdu għalih ir-regolamenti tal-*Kodiċi tat-Traffiku fit-Triq*, jiġifieri li wieħed ma jaqsamx meta jintwera d-dawl aħmar għall-*pedestrians*. Jirriżulta li Salvatore Attard qasam f'ħin meta s-sinjal biex jaqsam ma kienx jippermetti dan, b'riżultat ta' perikolu bla qies għalih, tant hu hekk li dan wassal għall-mewt tiegħu, u wkoll b'perikolu għall-utenti oħra tat-triq, inkluż il-konvenut billi fixkel it-triq tiegħu. Ir-regolament 47 tal-*Kodiċi tat-Traffiku fit-Triq* jispjega proprju dak li kellu jagħmel il-vittma fiċ-ċirkostanzi

partikolari ta' dan il-każ, sabiex jiġu evitati konsegwenzi li jistgħu wkoll ikunu koroh bħal fil-każ odjern:

> *"47. Meta t-triq tkun traffikuża, it-traffiku fuq il-ġenb tiegħek jista' jkollu jieqaf anke jekk id-dawl għalih ikun aħdar. It-traffiku jista' jibqa' għaddej fuq in-naħa l-oħra tat-triq, għalhekk dejjem agħfas il-buttuna u stenna għas-sinjal biex taqsam."*

Jirriżulta wkoll li l-vittma għazel mhux biss li jaqbad u jaqsam it-triq mingħajr ma jistenna li d-dawl jaqleb aħdar għalih, iżda għażel ukoll li jaqsam lil hemm mill-*pelican crossing,* saħansitra minn bejn il-karozzi b'mod li huwa baqa' mistur mill-viżwali tal-konvenut, sakemm kien tard wisq biex dan jagħmel manuvra u jevitah. Jirriżulta skont dak li qal Stephen Raymond Cooke li Salvatore Attard għamel mossa billi għolla idu b'tentattiv li jiġbed l-attenzjoni tal-konvenut u b'hekk ikompli jaqsam it-triq bla tfixkil, iżda kuntrarjament għal dak li seta' ħaseb, dan ma kienx biżżejjed sabiex is-sewwieq jinduna bih u jieqaf ħesrem.

Dwar il-kwistjoni tal-veloċità li biha l-konvenut kien qed isuq il-vettura tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li hawnhekk il-konvenut għandu jitwemmen. Ma jistax jitqies li huwa kien qed isuq b'veloċità qawwija aktar mill-massimu permissibbli ta' 50 kilometru fis-siegħa għal dawk l-inħawi, wisq inqas li tali veloċità kienet waħda sfrenata u li b'hekk kienet il-kawża tal-inċident. Tosserva mir-ritratti[39] esebiti minn WPC363 Caroline Meilak u mill-pjanta esebita mill-Perit Richard Aquilina[40], li l-karozza tal-konvenut ma ħalliet l-ebda

[39] *A fol.* 126 *et seq.* tal-proċess.
[40] A *fol.* 150 tal-proċess.

marki fl-art meta twaqqfet ħesrem, u dan il-fatt jindika li l-konvenut ma setax kien qed isuq b'veloċità qawwija.

B'hekk il-Qorti tikkunsidra li kien il-vittma waħdu li kkawża l-inċident inkwistjoni li sfortunatament temm ħesrem u b'mod ikrah il-ħajja tiegħu. L-azzjonijiet tal-vittma ma jistgħux jiġu kkunsidrati li saru bi ħsieb tar-riskju sproporzjonat li huwa kien qed jieħu, filwaqt li tirriżulta negliġenza tassew kbira u nuqqas assolut ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fil-mod li huwa qasam it-triq.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet attriċi.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad it-talbiet kollha attriċi; u**
2. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet eċċezzjoni tagħhom.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**